# THEJJIJA GĦALL-EWWEL WIRJA TAL-BIEDJA U S-SNAJJA' TA' GĦAWDEX FL-1855

minn ***Anton F. Attard***




L-Ewwel Wirja tal-Biedja u s-Snajja' ta' Għawdex, magħrufa popolarment bħala "Il-Wirja ta' Santa Marija" taf il-bidu tagħha għall-ħidma ta' tnejn minnies: is-Sinjur Ġużeppi Gauci Azzopardi u Antonio Schembri li kien jieħu ħsieb il-gżira ta' Kemmuna. Biex iħejju għall-ewwel wirja marru Għawdex fil-10 ta' Lulju ta' dik is-sena (1855) ftit jiem biss wara li organizzaw f'Malta l-Wirja ta' l-Imnarja, biex jiltagħu mas-sottokumitati ta' Għawdex li kellhom jieħdu ħsieb din il-wirja.

Iltaqgħu fid-dar ta' l-Avukat Antonio Garrone u hemm sar id-diskors, aktarx magħmul minn Ġużeppi Gauci Azzopardi, li traduzzjoni tiegħu qegħdin nippubblikaw llum.

Inħatar bħala Viċi-President tal-Kumitat Ġenerali tal-Wirja, l-Arċipriet tal-Matriċi, id-Duttur Mikiel Buttigieg, li wara kien sar l-ewwel isqof ta' Għawdex. Bħala Teżorier kien inħatar il-Pro-Vigarju ta' dak iż-żmien, il-Kan. Sammut.

Sa mill-bidu ġie deċiż li l-wirja kellha tkun miftuħa għall-Għawdxin biss, billi Malta diġà kien hemm il-Wirja ta' l-Imnarja.

L-ewwel Wirja kellha tittella' fl-14 ta' Awissu, lejlet il-festa ta' Santa Marija. Wieħed jista' jifhem li l-ħidma fuq din l-ewwel wirja ma setgħetx tibqa' sejra f'jum il-festa. Għalhekk tħalliet għal lejlet il-festa biss.

Il-flus tal-premijiet kellhom jinġabru f'fond tal-Wirja mingħand filantropi Għawdxin, għalkemm il-Gvernatur Sir William Reid u ż-żewġ Sinjuri fuq imsemmija kienu wkoll taw il-għajnuna tagħhom.

Fid-diskors li traduzzjoni tiegħu qiegħda tixxandar ma' dan l-artiklu, insibu rendikont fil-qosor dwar iż-żewġ wirjiet li kienu diġà ttellgħu Malta. Mill-esperjenza ta' dawk iż-żewġ wirjiet jidher li, għalkemm il-parteċipanti kienu ħafna, b'dana kollu ġriet ix-xniegħa li l-premjijiet jeħodhom min idaħħal ħafna oġġetti għall-wirja, u mhux min idaħħal l-isbaħ u l-aħjar oġġetti. Il-kelliem ried ineħħi dan il-ħsieb li daħal f'moħħ in-nies.

Interessanti nkunu nafu li fl-ewwel wirja ta' Malta kienu ħadu sehem żewġ Għawdxin u rebħu l-premju, wieħed għal qamħ abjad u l-ieħor għall-frott. Imma ma kienx hemm min daħħal oġġetti daqs Anton Schembri tal-gżira ta' Kemmuna. Fit-tieni wirja ta' Malta daħlu tliet Għawdxin b'ħames prodotti. Ir-raġuni ta' din il-konkorrenza żgħira kienet id-distanza. Billi kien magħruf kemm ġid tista' tagħmel wirja bħal din, ġie deċiż, bil-kunsens tal-Gvernatur Reid, li ssir wirja oħra f'Għawdex bħala żjieda ma' dik ta' Malta.

Meta saret din il-laqgħa kien għadu ma ġiex deċiż fejn se ssir il-wirja u kien hemm għażla ta' żewġ postijiet: jew il-pjazza ta' quddiem l-iskola tal-Gvern, il-Vajrinġa, jew inkella fi Pjazza San Franġisk quddiem l-Isptar. Nafu li finalment kienet saret fil-bitħa spazjuża ta' l-Iskola tal-Gvern tal-Vajrinġa li kienet għadha kemm inbniet (1853-55).

Il-premijiet ma kellhomx ikunu bħal dawk ta' Malta. X'uħud kellhom ikunu n-nofs ta' dak li jingħata

Malta, oħrajn indaqs, u jerġa' oħrajn terz tal-premjijiet ta' Malta. Fl-opinjoni tiegħi r-raġuni msemmija ma kenitx suffiċjenti biżżejjed.

L-applikazzjoni ta' l-esibituri, u l-ġbir tal-fondi għall-premjijiet kellhom jieħdu ħsiebhom il-Għawdxin. Fl-aħħar tad-diskors il-kelliem reġa' enfasizza l-punt li mhux il-kwantita' ta' oġġetti li kienet tgħodd, imma l-kwalita', għax wara kollox dan kien l-iskop tal-wirja li titjieb il-kwalita' tal-prodotti tal-biedja tagħna. Is-suċċess tal-wirja, imbagħad kien jiddependi minn kemm dawk inkarigati kellhom jikkoordinaw il-ħidma bejniethom.

**WIRJA TAL-BIEDJA F'GĦAWDEX**

Is-Sinjuri Ġużeppi Gauci Azzopardi u Anton Schembri marru fil-gżira ta' Għawdex fil-10 ta' Lulju li qegħdin fih (1855) biex minn hemm jagħmlu l-arranġamenti kif għandha ssir l-ewwel wirja tal-biedja li għandha tittella' f'dik il-gżira: fetħu laqgħa mas-sotto-kumitati fid-dar ta' l-Avukat, id-Duttur Antonio Garrone b'diskors li se nġibuh hawn; ħatru bħala viċi-president tal-kumitat ġenerali lir-Rev. Arċipriet, id-Duttur Mikiel Buttiġieġ u bħala Teżorier lill-Provigarju, il-Kan. Sammut, liema kumitat iddiskuta u qatagħha wkoll li dik l-esibizzjoni kellha tkun miftuħa biss għall-bdiewa ta' Għawdex u mingħajr il-konkors għall-premju min-naħa tal-bdiewa Maltin u li kellha ssir fl-14 ta' Awissu li ġej. Il-listi ta' dawk li jkunu jridu jinkitbu biex jagħtu l-flus għall-fondi tal-premjijiet tal-wirja kienu diġà miftuħa u wieħed kien jittama li jinġabru biżżejjed mingħand il-filantropi Għawdxin.

**Id-Diskors**

Sinjuri,

Ir-riżultat tajjeb miksub is-sena l-oħra mill-ewwel wirja tal-biedja li ttellgħet fil-Buskett ta' Malta hu ppruvat b'mod li jidher sewwa bil-kotra ta' dawk li ħadu sehem u li ġabu għall-wirja l-egħlejjel tal-biedja u l-bhejjem tagħhom ta' kull tip fit-tieni wirja li ttellgħet hemm ftit tal-jiem ilu. Fost dawk li ħadu sehem, imma, nibet ħsieb ħażin, jiġifieri dak li l-premju jintrebaħ minn kulmin iressaq oġġetti jew l-aktar speċi u varjetajiet ta' affarijiet, ukoll jekk m'għandhomx x'jaqsmu mal-biedja, kemm tal-post kif ukoll barranin; ħsieb bħal dan, għal kollox kontra l-iskop tal-wirja, mewtilhom kull ħeġġa, billi ma ħadu ebda premju jekk mhux dawk li daħħlu għall-wirja għelejjel mill-isbaħ, jew ġoddą għal kollox, inkella annimali b'saħħithom, ta' sura sabiħa u magni tajbin bil-għan li jħaffu x-xogħol fl-egħlieqi, ġonon tal-frott u ġonna oħra.

Fl-ewwel wirja Għawdex ta żewġ esibituri, Franġisk Vella u Ġużepp Grech, li l-egħlejjel tagħhom ġew aġġudikati mill-Kummissjoni li jisthoqqilhom jieħdu l-premju, l-ewwel wieħed għall-qamħ abjad, u t-tieni għall-frott, barra minn dawn ma kienx hemm min ħa għall-wirja daqskemm kien daħħal is-Sur Anton Schembri tal-gżira qrib tagħna ta' Kemmuna. Fit-tieni wirja, il-għadd tagħhom kiber għal tliet individwi li daħħlu għall-wirja ħames prodotti.

Konkors hekk ristrett ta' esibituri, għalkemm il-għadd tagħhom issokta jiżdied mill-ewwel għat-tieni wirja, kien motiv għall-konsiderazzjoni tagħna 'l għaliex il-gżira oħt ta' Malta ma kenitx qiegħda tikkontribwixxi b'ħafna affarijiet għal għan ta' daqstant titjib, l-omm ta' perfezzjonament ta' kull sengħa; u ħadd ma kien jaf isolvi aħjar il-problema ta' nuqqas ta' konkorrenza da parti tal-bdiewa Għawdxin jekk mhux bid-distanza tal-gżira tagħhom miċ-ċentru tal-wirja; u fil-waqt li tqies, imma, li f'Għawdex titjib bħal dan kien jagħmel ukoll ġid fost il-ħafna bdiewa ta' ħila u ħawtiela tiegħu, ġie deċiż minni bil-kunsens ta' l-Eċċ. Tiegħu Sir William Reid li ntemmu l-impenn tagħna billi nagħmlu wirja f'Għawdex bħala żjieda ta' din l-istituzzjoni hekk nobbli u ta' ħtieġa; għalhekk, miġbura flimkien għandkom, Sinjuri li tiffurmaw is-sottokumitati għal Għawdex, qegħdin nipproponulkom biex ittellgħu wirja fil-għodwa ta' l-14 ta' Awissu li ġej fil-pjazza ta' l-iskola tal-Gvern jew f'dik ta' San Franġisk jew ta' l-Isptar, ta' l-egħlejjel u tal-bhejjem bħalma dawk mitluba fil-programm tagħna tas-26 ta' April, 1855, imma, pero', li tkun miftuħa esklużivament għall-bdiewa Għawdxin u mingħajr is-sehem fil-konkors ta' prodotti ta' Malta; għaldaqstant naqtgħuha li l-premijiet ikunu n-nofs ta' dawk li jingħataw għall-wirja ta' Malta għal annimali ta' kobor; indaqs, għal dawk ta' daqs żgħir; u ta' terz inqas dawk ta' ċereali, legumi, żrieragħ, tuberi, fosdoq u magni.

M'aħniex nidħku bina nfusna billi fil-waqt li nħallu f'idejkom, Sinjuri, il-ktiba ta' dawk li se jieħdu sehem, se tikkooperaw ma' xulxin biex tiġbru fond kbir biżżejjed għal dawn il-premjijiet bħala għajnuna għal kemm diġà ta l-Eċċ. Tiegħu Sir William Reid mit-tieni wirja ta' Malta, u għalkemm aħna stess se nikkontribwixxu bħala proprjetarji ta' l-art f'Għawdex; u megħjunin mill-assistenza siewja u l-ħerqa tagħkom għall-mixi 'l quddiem ta' din il-gżira għażiża, li kollu kemm hu jwassal għall-ħaġa ċerta u li tirnexxi tassew u li hi mezz zgur biex jiżdied il-għana nazzjonali, u fuq kollox nirrakkomandawlkom biex tagħtu x'jifhmu lill-esibituri li l-għadd ta' oġġetti esibiti ma jagħti ebda titlu biex wieħed jieħu premju, imma biss it-tjubija, is-sbuħija u l-ħtieġa ta' l-oġġett esibit, hu dan li jrebbaħ il-premju; xi ħaġa li ntennuhielkom sakemm ma nisimgħux iżjed tgergir dwar l-illużjoni da parti ta' dawk li jdaħħlu l-egħlejjel għall-wirja, bħalma ġara fit-tieni wirja hawn fuq imsemmija - imwiegħda dawn il-kelmiet, issa jibqa' fuqkom taħdmu bejnietkom biex tmexxu lil dawk li jesibixxu għall-iskop mixtieq minna.

---

RIFERENZA:
Bibljoteka ta' Għawdex: Gazzetta Agraria Maltese, Anno I, 18 Luglio, 1855, Num. 4., pp. 102-4..